

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Social n° 23 de Madrid (Spanja) fil-11 ta' Marzu 2014 – Grima Janet Nisttauz Poclava vs Jose María Ariza Toledano (Taberna del Marqués)**

**(Kawża C-117/14)**

(2014/C 151/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de lo Social n° 23 de Madrid

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Grima Janet Nisttauz Poclava

Konvenuta: Jose María Ariza Toledano (Taberna del Marqués)

**Domandi preliminari**

- 1) Leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-kuntratt ta' xogħol għal żmien indeterminat, maħsub bħala miżura ta' sostenn għall-impriżi, għal perijodu ta' prova ta' sena li matulu hija permessa t-tkeċċija mingħajr ebda kundizzjonijiet, hija kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni u hija kompatibbli mad-dritt fundamentali ggarantit mill-Artikolu 30 tal-Karta [tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea] <sup>(1)</sup>?
- 2) Il-perijodu ta' prova ta' sena li għalih huwa suġġett il-kuntratt ta' xogħol għal żmien indeterminat, maħsub bħala miżura ta' sostenn għall-impriżi, imur kontra l-għanijiet u d-dispożizzjonijiet tal-klawżoli 1 u 3 [tal-Ftehim anness mad-Direttiva 1999/70/KE, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mil-ETUC, mill-UNICE u miċ-ĊEEP] <sup>(2)</sup>?

<sup>(1)</sup> ĠU C 364, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad – Varna (il-Bulgarija) fl-14 ta' Marzu 2014 – Itales OOD vs Direktor na Direktsia “Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika” Varna pri Tsentralno Upravlenie na Natsionalnata Agentsia za Prihodite**

**(Kawża C-123/14)**

(2014/C 151/18)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

**Qorti tar-rinviju**

Administrativen sad – Varna

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Itales OOD

Konvenuta: Direktor na Direktsia “Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika” Varna pri Tsentralno Upravlenie na Natsionalnata Agentsia za Prihodite

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 168 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE <sup>(1)</sup>, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta merkanzija tinbiegħ lil terz, ix-xiri tagħha jnissel dritt għat-tnaqqis tal-VAT tal-input, anki meta ma jkun hemm ebda prova li l-fornitur preċedenti kellu fil-pussess tiegħu merkanzija ta' dan it-tip?

- 2) Prassi amministrattiva bħal dik applikata min-Natsjonalna aġenzija za prihodite, li tikkonsisti fir-rifjut lill-persuni taxxabli taħt il-Liġi Bulgara dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud, tal-eżerċizzju tad-dritt għat-tnaqqis tal-VAT tal-input, minħabba l-assenza ta' provi tal-orijini tal-merkanzija, mingħajr ma tqajjem dubju dwar parteċipazzjoni fi frodi fiskali u/jew mingħajr ma tindika elementi oġġettivi li jippermettu li jiġi stabbilit li l-persuna taxxabli kkonċernata kienet taf jew kien imissha kienet taf li t-tranżazzjoni invokata bħala bażi għad-dritt għal tnaqqis kienet involuta fi frodi, hija kompatibbli mad-Direttiva 2006/112/KE u mal-ġurisprudenza dwar l-interpretazzjoni tal-imsemmija direttiva?

(<sup>1</sup>) ĠU L 347, p. 1

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Nürnberg (il-Ġermanja) fl-20 ta' Marzu 2014 – Proċeduri kriminali kontra Zoran Spasic**

**(Kawża C-129/14)**

(2014/C 151/19)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Oberlandesgericht Nürnberg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Zoran Spasic

Parti oħra fil-proċedura: Generalstaatsanwaltschaft Nürnberg

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen (iktar 'il quddiem il-"KFS") (<sup>1</sup>) huwa kompatibbli mal-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea sa fejn jissuġġetta l-prinċipju ta' *ne bis in idem* għall-kundizzjoni li, f'każ ta' kundanna, is-sanzjoni tkun għet subita jew attwalment tkun qed tiġi infurzata jew ma tkunx tista' tiġi iktar infurzata skont il-liġijiet tal-Istat ta' kundanna?
- 2) Il-kundizzjoni msemmija iktar 'il fuq tal-Artikolu 54 tal-KFS hija ssodisfatta wkoll meta parti biss (f'dan il-każ, il-multa) tas-sanzjoni mogħtija fl-Istat ta' kundanna, li hija komposta minn żewġ partijiet indipendenti (f'dan il-każ, piena li ċċaħħad il-libertà u multa) tkun għet infurzata?

(<sup>1</sup>) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 2, p. 9.